# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha, 28 ta’ Gunju, 2002.**

**Kawza Numru: 15**

**Citaz. Nru. 1771/98 GV/6**

**Doc 271-02**

**Jimmy Magro**

**Vs**

**Joseph Zahra**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permez taghha l-attur ippremetta illi l-konvenut Joseph Zahra bhala editur tal-gurnal “In-Nazzjon” fil-harga tal-istess gurnal tal-Hamis 3 ta’ Settembru, 1998, ippubblika suppliment intitolat Elezzjoni 98 li fih ippubblika ritratt ta’ l-attur bl-intestatura “Is-Segretarju Generali tal-MLP Jimmy Magro kellu kumpanija mal-Lay Lay”. Din l-allegazzjoni hija falza billi l-attur qatt ma kellu kumpanija jew kien *shareholder* ta’ xi kumpanija bi shab mal-Lay Lay. Fl-isfond ta’ diversi allegazzjonijiet ohra li saru mill-istess gurnal u mill-Partit Nazzjonalista, jidher car li l-iskop tal-konvenut huwa li jaghti l-impressjoni li l-attur kellu xi interess personali u/jew kellu xi sehem f’xi irregolarita’, favoritizmu jew korruzzjoni;

Premess illi bl-istess stampat il-konvenut ta malafama lill-istanti billi attribwielu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar- redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kkontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghaldaqstant l-attur talab lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenut ta malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

Illi ma hemm xejn malafamanti fil-konfront tal-attur.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fil-kaz in ezami l-attur qed joggezzjona ghall-pubblikazzjoni li l-konvenut bhala Editur tal-gurnal In-Nazzjon ippublika fit-3 ta' Settembru, 1998 f'suppliment "Elezzjoni 1998" fejn dehru ritratti ta' l-attur bl-intestatura "Is-Segretarju Generali tal-MLP Jimmy Magro

kellu kumpannija mal-Lay Lay" billi dina l-allegazzjoni hija falza u intiza biex, flimkien ma diversi allegazzjonijiet ohra, jaghtu l-impressjoni li hu kellu interess personali jew xi sehem f'xi irregolarita', favoritizmu jew korruzzjoni.

Hu xehed li l-artikolu jattakka l-kredibilita' tieghu bhala Segretarju Generali tal-Partit Laburista, u bhala konsegwenza setgha jitlef l-impieg tieghu bhala segretarju billi hu jokkupa dina l-kariga u kull sena ssir elezzjoni ghaliha fil-konferenza generali. Hu xehed li "Il-korruzzjoni kienet qed tigi allegata fil-kuntest tal-kuntratt (sic. konvenju ) li sar bejn il-Housing Authority u l-kumpanija tal-Lay Lay". (fol. 16). L-attur ikkonferma li hu qatt ma kellu xi kumpanija jew xi konnessjonijiet kummercjali jew inkella finanzjarji mal-Lay Lay (fol 15). Hu esebixxa d-dok. a fol. 57 fejn jirrizulta minn meta u sa meta kien direttur fil-Lapsi Quarry Ltd u min kienu d-diretturi l-ohra.

Il-konvenut kien gab korrezzjoni fil-harga tal-gurnal tas-7 ta' Settembru, 1998 (ara fol. 11 Dok X) fejn il-konvenut spjega li l-attur kien Chairman tal-kumpanija Quarry Limited bhala rapprezentant tal MDC. Il-kumpannija Quarry Ltd kienet originarjament kumpanija tal-Lay Lay, izda mbaghad il-Korporazzjoni ta' l-Izvilupp kienet akkwistat nofs l-ishma.

L-attur xehed li dina l-korrezzjoni ma kinitx accettabili ghalih billi l-allegazzjoni kienet saret vicin hafna tal-elezzjoni cioe' fit-3 ta' Settembru u f'dan il-perjodu hu ma setghax jirribatti dak li kien gie allegat, u meta saret il-korrezzjoni kien tard wisq u l-hsara li saret lilu kienet lahqet saret. Kif xehed Dione Borg il-pubblikazzjoni saret fl-ahhar okkazzjoni qabel l-elezzjoni.

Il-konvenut minn naha l-ohra qed jissottometti li ma hemm xejn malafamanti f'dak li ntqal fil-konfront ta' l-attur. Hu ammetta (ara

dikjarzzjoni mal-eccezzjoni fol. 10) li l-allegat fatt ma kienx preciz u ghallhekk fis-7 ta' Settembru kien ippubblika l-korrezzjoni relattiva.

Dione Borg li kien hejja s-suppliment in kwistjoni xehed li hu ried juri biss li l-attur kien jaf lill Lay Lay,

**Tikkunsidra**

Illi meta wiehed jara u jaqra' l-pubblikazzjoni nkwistjoni wiehed mill-ewwel jinduna li l-intenzjoni ta' min ippubblika ma kinitx biss biex juri li l-attur kien jaf lill Lay Lay imma li jimplika lill attur bhala segretarju generali tal-MLP f'skandlu, f'kontroversja u xibka ta' korruzzjoni. Meta l-konvenut assoccja lill attur mal-Lay Lay, huma riedu jassoccjah, fi kliemu stess, ma persuna li kien fil-passat mixli bi frodi (fol. 24); persuna li kien ha self irregolari mill-bank; peruna li kellu bini li sar bi ksur tar-regolamenti tal-bini, li ried ibiegh lill Gvern ezatt qabel l-elezzjoni; u l-konvenut ried juri li kien hemm nies, fosthom l-attur, li riedu "jahtfu l-miljuni lejliet l-elezzjoni" fol. 24. Dan kollu hu malafamanti fil-konfront ta' l-attur.

Ghalkemm il-konvenut jghid li hu ried biss juri li l-attur kien jaf lill Lay Lay, il-qarrej ordinarju ma jifhimx dan biss meta jaqra s-suppliment.

Illi sabiex wiehed jasal biex jaghmel l-ezami jekk artikolu huwiex libelluz jew le wiehed *"ghandu jhares mhux biss il-bran denunzjat, imma l-artikolu kollu kemm hu li jikkontjeni tali bran…. U f'din il-materja hu elementari li wiehed jikkonsidra mhux dak li seta' talvolta kellu f'rasu min kiteb l-artikolu, imma dak li fil-fatt kiteb, ghaliex dak jaqra il-qarrej"* **("Domenic Mintoff vs Thomas Hedley et."** - P.A. 28 ta' Novembru 1953 Vol 37 p 4 p 1206).

Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza Desira Buttigieg vs Cossai et Vol XL11 p4 p 1529 tad-29 ta' Novembru, 1958:

*"Verament mhux importanti li wiehed jara x'kellhom f'rashom il-kwerelati meta l-artikolu n-kwistjoni gie miktub u stampat, imma importanti huwa li wiehed jara x'jifhem ic-cittadin ordinarju ta' intelligenza normali meta jaqra l-artikolu."*

Fis-sentenza App Civ. Onor. Dr. G. Abela vs Dr. J. Muscat 22.7.85 il-Qorti kienet qalet:

*"Huwa wiehed mill-aktar principji fundamentali li l-materja tal-ingurja bl-istampa hi li dak li jkun intenda l-awtur tal-kitba nkriminata hu normalment fattur estraneu u dana ghaliex dak li hu importanti hu dak li fil-fatt gie miktub, u kif jiftiehem minn persuna ta' intelligenza ordinarja.".*

L-allegazzjoni tal-konvenut kienet li l-attur kellu kumpanija mal-Lay Lay li fil-fatt ma kien veru xejn. Kemm-il darba fatti allegati ma jirrizultawx li huma veri, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti ngurjuzi. Kritika trid tkun bazata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri haga li fil-kaz in ezami jirrizulta li kienu, ghax l-attur qatt ma kellu xi kumpanija jew xi konnessjonijiet kummercjali jew inkella finanzjarji mal-Lay Lay.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ta malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi.

**DECIZJONI**

il-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjoniji tal-konvenut;

tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara li l-pubblikazzjoni imsemmija hija libelluza fil-konfront ta' l-attur;

tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala danni bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 tal-Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**